MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) DSS

## ONOR. IMHALLEF SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 8/2001/1

**Mary Rota**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta' Ottubru, 2001 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"*Dan l-appell qed isir mid-decizjoni tad-Direttur tal-10 ta' Mejju 2001, fejn waqqaf il-beneficcju ghall-mard li kien ilu jithallas minn Lulju 1999 wara li l-Bord Mediku ccertifika li l-appellanti kienet tajba ghax-xoghol.*

*Jirrizulta wkoll minn dak li l-appellanti qalet lill-Bord Mediku, li hija kienet tattendi l-Boutique fuq bazi Part-Time.*

*Peress illi d-Direttur mexa fuq rakkomandazzjoni tal-Bord Mediku u ma hemm xejn x'jindika li tali decizjoni kienet zbaljata, l-Arbitru jichad dan l-appell.*"

Mary Rota appellat minn din id-decizjoni bil-premessa illi l-Arbitru ma ghamel l-ebda konsiderazzjonijiet tieghu izda strah biss fuq ic-certifikazzjoni tal-Bord Mediku illi hi kienet tajba ghax-xoghol. Hi ghalhekk ippretendiet li dan l-aggravju taghha ghandu jigi akkolt biex b'hekk tissokta tircievi l-beneficcju ghall-mard li gie tolt lilha mill-appellat.

Huwa essenzjali qabel xejn illi jigi determinat il-punt imqanqal mill-appellat jekk l-appell interpost kienx ritwali. L-appellat isostni li l-appell interpost ma jqanqal l-ebda punt ta' ligi jew principju ta' importanza.

Il-Qorti fittxet fil-Kap 318 u essenzjalment l-Artikolu 109 tieghu li jitratta dwar appell lil dina l-Qorti minn decizjonijiet ta' l-Arbitru u mkien ma sabet illi d-dritt ta' dan l-Appell, konferit mil-ligi, hu cirkoskritt bil-mod kwalifikat pretiz mill-appellat. Li skopriet minn dak ricerkat hu illi fejn qabel l-1994 dan id-dritt ta' l-Appell kien koncess biss "fuq xi punt ta' ligi", din il-pozizzjoni giet emendata bl-Att XXV ta' l-1994.31, effettiva mill-21 ta' Ottubru 1994. Liema emenda inkludiet ukoll il-konferiment tad-dritt ta' l-appell lid-Direttur tas-Sigurta' Socjali.

Sal-lum il-posizzjoni baqghet immutata salv l-emenda ntrodotta bl-Att XXV ta' l-2001 li tat lil dina l-Qorti fil-kompetenza taghha Inferjuri gurisdizzjoni esklussiva.

Il-qaghda toffri xebh mal-posizzjoni kif kienet fir-rigward tal-appelli mid-decizjonijiet tal-Bord li Jirregola l-Kera qabel l-1962 fejn allura appell kien seta' jsir biss minn decizjoni fuq punt ta' ligi. Din il-qaghda nbidlet bl-emenda subentrata dakinhar ghall-Artikolu 25 (illum Art 24(2) bl-Att XI ta' l-1962.

L-interpretazzjoni ghalhekk li l-Qorti qed tqieghed fuq it-test ta' l-Artikolu 109 tal-Kapitlu 318 hu dak li appell lil din il-Qorti mhuwiex cirkoskritt u kwindi l-parti interessata jew

id-Direttur jistghu jappellaw anke fejn il-punt ma jkunx necessarjament jinvolvi ebda punt ta' ligi jew principju ta' importanza. Argument valevoli l-ghala s-sitwazzjoni nbiddlet bl-emenda tal-1994 jista' jinsilet mill-fatt illi, kif gia nghad, b'din l-istess emenda inghata d-dritt ta' l-Appell lid-Direttur, u certament ma kienx ta' utilita` ghalih li jiccirkoskrivi d-dritt ta' l-appell lilu moghti ghal punt ta' ligi biss. Emenda din li jidher li kienet necessitata in konsegwenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, fil-kawza "**Connie Galea -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali"**, 14 ta' Marzu 1994 (Vol LXXVIII pg II p119).

Din il-Qorti hi konxja tal-fatt li kull gudikant huwa responsabbli tal-interpretazzjoni li hu jqieghed fuq it-test tal-ligi. Izda hu principju ben assodat illi fl-analizi interpretattiva li ssir il-gudikant ghandu jinterpreta s-sens tal-ligi skond l-intenzjoni tal-legislatur u ghalhekk ikollu jirrikorri ghall-'mens legis' biex jaghti dik l-interpretazzjoni li tikkorrispondi ghall-ispirtu informatur tal-ligi (**"Emanuel Micallef –vs- Vincent Scerri"**, Appell Civili, 15 ta' Mejju 1953). Dan hu dak li ppruvat taghmel 'supra' din il-Qorti. Dejjem jibqa' primarjament illi l-intenzjoni ghandha strettamet tirrizulta mil-ligi nnifisha ("**N. Cutajar –vs- C. Quirolo**", Appell Civili, 1 ta' Dicembru 1961).

Fic-cirkostanzi l-eccezzjoni tal-irritwalita` tal-appell sottomessa mill-appellat ma tistax tigi akkolta.

Stabbilita` din l-osservazzjoni l-appell interpost xorta wahda ma jregix meta jigu ezaminati c-cirkostanzi ta' fatt stabbiliti f'din il-kawza.

Ir-rizultanzi fattwalment pruvati meta l-kaz kien ghall-attenzjoni ta' l-Arbitru kienu illi l-Bord Mediku ccertifika li l-appellanti kienet tajba ghax-xoghol u di piu' 'ex concessis' hi stess stqarret lill-istess Bord li kienet tattendi l-hanut taghha fuq bazi part-time. Il-motivazzjoni tal-Arbitru kienet fondata fuq dawn iz-zewg aspetti, kif hekk jirrizulta similment li kienet fl-ewwel lok id-decizjoni tad-Direttur meta waqqfilha l-beneficcju.

Fil-kaz konkret u fl-ordni kronologika jidher li l-Bord Mediku ha certament in konsiderazzjoni l-eta`, l-istat ta' sahha u fatturi ohra personali tal-appellanti. Anzi ma hemm xejn x'jindika li bhala fatt dawn il-fatturi ma gewx meqjusa.

Min-naha tieghu d-Direttur ikkonsulta ruhu fuq dawn l-aspetti medici mal-panel tat-tobba mahtura mill-Ministru proprju bil-ghan li jaghtuh pariri f'kazijiet konsimili. L-appellanti kellha kull opportunita` li tikkonvinci xort'ohra lil dan il-panel mediku, anke bil-produzzjoni ta' opinjoni medika 'ex parte'. Mill-atti ma jidhirx li dan kien il-kaz u huwa futili li 'ex post facto' l-konkluzjoni tal-Bord Mediku fl-4 ta' Mejju 2001 u d-decizjoni tad-Direttur fl-10 ta' Mejju 2001 hi tinsisti fil-korp tar-rikors tal-appell taghha illi l-qaghda taghha ma nbiddlitx ghaliex f'dan ghandha l-konfort tat-testijiet klinici li saru fis-7 ta' Awissu 2001.

Konsidrat dan kollu ma jidhirx li l-appellanti ressqet gustifikazzjoni sufficjentement konvincenti biex l-appell taghha jigi ntrattenut.

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tirrespingi l-appell interpost mir-rikorrenti Mary Rota. In vista tal-principji involuti l-ispejjez jigu ugwalment sopportati bejn il-partijiet.

Dep/Reg
cb